KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 80, miżmuma nhar it-Tlieta 26 ta Frar fil 5.30 ta fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech Sindku
- Joseph Vella Kunsillier
- Dounia Borg Kunsillier(17.57)
- Graziella Galea Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Mandy Buhagiar Kunsillier (17.45)
- Alfred Grima Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier

Membri Skużati:

- Daniel Grima Viċi Sindku
- Paul Bugeja Kunsillier
- Robert Piscopo Kunsillier
- Rodney Galea Kunsillier

Membri Assenti:

- Edward Bugeja Kunsilier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**Minuti 80**

Fil-ħin li nfetħet il-Laqgħa ma kienx hemm kworum minħabba li f'dak il-ħin kien hemm biss is-Sindku Anne-Marie Fenech u l-Kunsilliera Graziella Galea, Antoinette Bezzina, Alfred Grima, Stephen Cremona, Joseph Vella.

Il-Membri Preżenti stennew nofs siegħa hekk kif titlob il-Liġi.

Fis-17.45 waslet il-Kunsillier Mandy Buhagiar u fis 17.57 il-Kunsillier Dounia Borg għalhekk intlaħaq il-kworum u setgħet tibda l-laqgħa.

**80.1 Qari tal-ittri t' apoloġiji;**

Is-Sur Rodney Galea – impenji ta' Xoghol
Is-Sur Daniel Grima – impenji ta' Xoghol
Is-Sur Pawlu Bugeja – impenji ta' Safar

**80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

**80.2.2: Approvazzjoni tal-Minuti No 77 Laqgħa Urgenti**

Minhabba li għal din il-laqgħa ma ntlaħħaqax il kuorum, din il laqgħa ma saretx

**80.2.3: Approvazzjoni tal-Minuti No 78 Laqgħa Urgenti**

Minħabba li għal din il-laqgħa ma ntlaħħaqax il kuorum, din il laqgħa ma saretx

**80.2.4: Approvazzoni tal-Minuti No 79 Laqgħa Urgenti**

Minħabba li għal din il-laqgħa ma ntlaħħaqax il kuorum, din il laqgħa ma saretx

**80.2.: Approvazzjoni tal-Minuti No 76 Laqgħa Urgenti**

**76.2.1:** Approvazzjoni tal-Minuti nru 76 minħabba li fil- laqgħa precedenti ma nkienux nqraw u ma kienux gew approvati kollha.

Fil minuti tal- laqgħa numru 76 gew emendadi punti ta' pagni kif hawn taħt msemmi:

**Pg 2**: Kunsilliera Graziella Galea: irrimarkat li għandhom jizdiedu 'Il- minuti tal - laqgħa 73 approvati kif emendati

Pg 3: Fl-aħħar paragrafu tal punt 76.2.2 irrid jinqara: 'il-laqgħa 74 gew approvati kif emendati.'

**Pg 4**: Kunsilliera Graziella Galea irrimarkat li għanda 'Tizdied jekk dan hu l kaz'

**Pg 8**: Kunsilliera Graziella Galea 'tizdied 20 – 21-22-23'

**Pg8**: Kunsilliera Graziella Galea trid tinqara 'Is-Segretarja Ezekuttiva qrat korrispondenza f 'dan ir rigward' u tizdied Il- Kunsilliera Graziella Galea astjenit fuq dawk il pagamenti ta' attivitijiet mhux approvati mil Kunsill

Pg 3: Il- Kunsillier Joseph Vella irrimarka li jrid jitneħħa dak li kien hemm miktub fil-minuti li kien ntqall minnu għalhiex dak il hin huwa kien qam min fuq il mejda

Minuti 76 Apporvati kif emendati

Point of Order mitlub imqajem Kunsillier Alfred Grima fuq il minuti 76 fejn hemm miktub li Sindku qalet li kiennet qalet biex nitkellmu ma l-Applikant ta' Mistra Village. Il- Kunsillier Alfred Grima qal li għandu jinkiteb li il Kunsill kien talab sabiex jiltaqa ma' l-Kuntrattur

**80.3: Komunikazzjoni mis-Sindku:**

Applikazzjoni Porta Del Sol PA **1438/18**

Is-Sindku qalet li kellha ssir seduta fi 7 ta' Marzu 2018 fuq **PA 1438/18** ġewwa il-Planning Authority – u saqsiet jekk hemmx xi kunsillier interessat biex jattendi s-seduta – din il-laqgħa se ssir minħabba talba ta' permess mingħand Porta Del Sol biex ittella zewg sulari. Il-Kunsilliera Graziella Galea biex taqra deskrizjoni tal-applikazjoni. Kunsilliera Graziella Galea saqsiet jekk kienx hemm cans għall oġġezzjoni jew case report.' Il – Kunsillier Stephen Cremona qal li kienet diga tellat darba oħra. Il- Kunsillier Alfred Grima qal li ma jaħsibx li hemm vot. Il – Kunsillier Graziella Galea qalet biex nicekkjaw jekk il – Kunsill għandux vot f'decizjoni. Il-Kunsillier Alfred Grima huwa kontra ghal raguni li ma provdiex il-parkegg adekwat.

17.57 Daħlet Kunsilliera Douna Borg

**Il-proġett tal-*Mistra Village***

Is-Sindku qalet li rceviet korrispondenza mingħand residenti kontra l-progett tal-Mistra, pero minħabba li ma sarux iż-żewġ laqgħat ta' qabel, laħaq għada ż-żmien u il PA kienet diga ttieħdet deċiżjoni fuq il-peress mitlub. Waqt il-laqgħa saret diskussjoni dwar il proġett dwar jekk l- Kunsill huwiex registrat bħala objectors. Il-Kunsillier Alfred Grima qall li Kunsill Lokali qatt ma jista jingħaqad ma NGO għalhiex jinħoloq precedent u biex qabel il-Kunsill japella jaraw f'liema stadju wasal il-progett. Is-Sindku reġgħet għaddiet il punt li kienet iddiskutiet mas-Segretarju Eżekuttiv, li l-kuntrattur tal-Mistra Village għandu jagħmel laqgħa mar-residenti tax-Xemxija. Saret ukoll Telefonata pubblika lil Avukat tal Kunsill rigward din il-materja. L-Avukat qall li l-Kunsill jista japella kontra dan il-progett.

**Euroclub Hotel Reseved Parking**

Il – sid ta' Euroclub Hotel talab biex ikollu reserved parking minħabba li għandu lotto office. Il Kunsillier Alfred Grima qal li waqt il kumitat kongunt ta' reġun

Tramuntana huwa issugerrixa li ssir talba biex dil-policy tigi reveduta'. Il- Kunsill qabel li din it- talba tmur quddiem Transport Malta.

**Timed Parking Bays Transport Malta**

Transport Malta informat li kienet irceviet tlett applikazjonijiet ta' timed parking għal fejn Piscopo Cash and Carry. Il-Kunsill ma jsiebx oġġezjoni għal timed parking bays. Il-Kunsillier Stephen Cremona irrimarka l-importanti li l-ħinijiet ikunu il-ħinijiet tal- ftuħ ta' negozji.

**Talba mingħand Transport Malta** –
Saret talba wkoll mingħand it-Transport Malta, biex fil lokalita ta' San Pawl il-Baħar ikun hemm parking bays li jkollhom Charging Pillars ghal uzu tal-karrozzi li jaħdmu b-elettriku. Is-sindku kompliet tghid li Transport Malta ghadhom qeghdin jistnnew risposta minghand il-Kunsill Lokali, hawnkekk, Is-Segretarja Ezekuttiva saqsiet lill kunsilliera jekk qrawx l-Imejl rigward dan is-suggett u jekk ghandhomx xi risposta fuq dan ir-rigward. Il-Kunsillier Stephen Cremona oggezzjona minhabba l-fatt li l parkegg għall dawn il-karozzi jinstab quddiem il-kapella u kien nzamm l-access ghall entratura tal-kapella, meta dawn il-karozzi kienu għadhom qegħdin jintuzaw, Is-Sur Cremona sostna li Transport Malta irrid jikkonsulta mal Kunsill Lokali qabel u mhux wara li jsiru x-xoghlijiet. Il Kunsillier Alfred Grima kompla li ex Kunsillier Raymond Tabone gieli tkellem fuq dawn ix-xogħolijiet, għalhekk se ssir ricerka fil minuti ta' meta Kunsillier Tabone kien ghadu fil- kariga u kien tkellem u qajjem din il-materja tal- parkegg tal- karozzi li jaħdmu bl-elettriku

**Triq Lacci**
Il- Kunsill irceva korrispondenza mingħand l-avukat ta' Sinjur Alfred Vella fejn informa li ser izomm il- Kunsill responsabli ta' l-ispejjes minħabba l-għadira ta'l-ilma li jingabbar quddiem il- garage tiegħu minħabba triq. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar u il-Kunsilliera Graziella Galea sostnew li jekk hija responsabilita tal-Kunsill għanda tittranga mill – Kunsill. Wara diskussjoni il- Kunsill idecida sabhiex jistħareg min kien il- kuntratur li għamel it-triq ghalhekk il kuntrattur għandu jinzamm responsabli

**Garage il-Qawra**
Ilment dwar ilma li dieħel fil-garage fit – Triq it-Turisti. Residenta bagħtet korrespondenza mingħand il- Perit tagħha. Il- Kunsillier Alfred Grima qal li jekk ma jkunx sar membrane bhala ilquh għal ilma mit-triq jista ikun hemm din il problema. Il- Kunsill qabel li jibgħat il Perit sabiex jiverifika dan lilment.

**Infrastructure Malta Maritime**
Segretarja Ezekuttiva attendiet għal-laqgħa msejjħa min Transport Malta Maritime fejn gie spjegat li kienu ser issiru testijiet fuq il moll bejn il Bugibba jetty u Gillieru. Is- Segretarja Ezekuttiva prezentat mappa ta fejn kienu ser issiru testijiet lil Kunsilliera

**Claim fuq ħasra tal – Karozza**
Saret talba min persuna li kienet sofriet xi ħsarat fil- karozza sabiex il- Kunsill iħallas ukoll spejjes ta'avukat. Talba ma gietx approvata

**Salina Wharf traffic management**
Is- Sindku qalet li Salina Wharf bagħthu informazzjoni b'suġġeriment ta' kif għandu issir id-direzzjoni ta' traffiku fuq naħa ta' Triq l-Istamnar sabiex ikun hemm l-inqas impat possibli fuq il 'flow ta' traffiku l-istess sid. Il- Kunsillier Alfred Grima qal li ma jaqbilx ma dan is- suġġeriment għaliex għandu issir studju tal- area kollha.  Hekk kif approvat.

**First Aid Courses**
Is-Sindku tagħt tariff dawr komunikazzjoni li kien irrceva il- Kunsill dwar First Aid Courses li kienu ser issiru. Il- Kunsilliera kienu ircevew din il kommunikazzjoni

**International Power Boats Festival**
Is- Sindku spjegat kif il- Kunsill gie mgħarraf li ser issir International Power Boats Event bejn 25 u 28$^{th}$ April 2019. Il- Voomquest prezentaw id-dettalji ta' kif ser dan l-aveniment, li kien ser jintrema park fil- pjazza ta' fejn il- Gillieru sabiex issiru l-

prezentazjonijiet kif ikoll giet prezentata bil- pjanti ta' loġistika kemm ta' fuq l-art kif ukoll ta' fuq il- baħar. Il – Kunsillier Alfred Grima irrimarka għalfejn ma kienx ser tintuza il pjazza ta' Bugibba. Is- Sindku spjegat li power boats kienu ser jinzlu min naħa tal- Gillieru għalhekk intazell dan il-post. Il- Kunsill qabel li ser jipprovdi in- No Objections necessarji kif ukoll is- sigurta fit -toroq li jagħtu ghan naha ta fejn ser issir l-avveniment. Il- Kunsillier Sephen Cremona qal l-importanti li jkun hemm l-insurance cover kollha in place sabiex kollox ikun issigurat. Ghal din l-okkazjoni kien hemm qbil li partecipanti jinghataw tifkira mil – Kunsill kif ukoll li Chairperson ta UIM. Il- Kunsilliera kienu prezentati bil- pjanti ta dan l-aventiment

**Korsijiet Life Long learning**
Approvati

**Tower Crane pjazza ta' Bugibba**
Is- Sindku ikomunikat ma l-applikant sabiex jagħmlu il- bankina biex nies ikollhom access. Minħabba il pozizjoni ta' krane intallab biex issir zebra crossing oħra mal-gemb ta' sit għal konvenjenza tal- pedestrians

**Courses Robotika**
Il- Kunsill id-decida li toħrog sejjħa pubblika għal korsijiet l-jmiss

**Hsara li saret mal- gemb ta' latrini ta Sirens**
Kien hemm qbil li jsirr assessment mil-Perit tal- Kunsill fuq il ħsarat

**80.4 Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Is- Sindku tat- tweġiba lil Kunsillier Alfred Grima dwar il l- ittra li kien bagħt l-avukat tal-Kunsill. I- avukat kien irresponda li Sindku għanda tfittex lil-Times dwar innuqas ta' pubblikazjoni tar- risposta f'kapacita personali.

**80.5 Item: Q4 Financial Statements Dicember 2018 u Annual Accounts 2018**

Is-Sinjura Romina Perici Ferrante l-Accountant tal- Kunsill qrat ir-rapport Finanzjarju ghas-sena 2018. Il- Kunsillier Alfred Grima asstjena minħabba ragunijiet

li tagħha waqt id diskussjoni. Il – Kunsilliera Graziella Galea sostnit li hemm fondi ohra ta' UIF u dawn għandhom jitnizzlu l-accounts. Gie spjegat li kemm il darba Segretarji puruvaw jiktbu lil PA izda dawn ma jirrispondux. Kien hemm qbil sabiex dawn il fondi jidaħlu fl- accounts bħala amenda u terega issir verifika mal PA. Il-Kunsill baqa passiv fuq bank charges ta Eur300 fix-xahar.

Il Kunsill approva l-Annual Accounts bl- emendi

**80.6: Item: Blues Ltd**
Is- suggett hawn fuq indikat (Blues Ltd) gie pospost għall laqgħa li jmiss.

**80.7: Item: Interviews Board**
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienu se jsiru zewg intervisti lill zewg persuni ghall impjieg gewwa l-Kunsill Lokali ta San Pawl il-Baħar, dan wara li meta suppost kellhom l-intervista kien hemm nuqqas ta persuni fil-bord u ma saritilhomx l-intervista. Il- Kunsill qabel li jaħtar li Kunsillier Joseph Vella sabiex ikun fuq il-bord ta l-interviews għal ħaddiema tal- kunsill

**80.8 Item: Latrini f'Zoni Turistici – Pilot Project FTZD**
Ser isir progett pilota fejn I Fejn l FTZD ser tieħu ħsieb manutenzjoni u tindif ta lattrini pubblici, li jinsabu fi zoni Turistici. Dawn il-proposti ser jitressqu fil-laqgha li jmiss.

**80.9 Item: Proposta skart Riciklatt**
Għall dan il-punt fuq l-agenda intervjena s-Sur Joe Attard direttur mal- Green Mt fejn spjega fid-dettall il-proposta li kien prezenta lil Kunsill f'isem l-istess kumpanija. Is Segetarja Ezekuttiva it-tender waqt il-laqgha minħabba li l-Kunsillier Alfred Grima ma kienx qrah, Ms Strout fehmet ukoll li l-ħgieg mir residenzi ser jizdied ghall darbtejn fix-xahar mit 8 sa 2 ta wara nofinhar

**80.10 Item: Performance Bonus- Elke Sghendo**

Sar qbiel unanimu li Ms Elke Sghendo li għamlet zmien taħdem bħala Deputat Agent Segretarju Executive Secretaru jinħargilha c-cekk tal-Performance Bonus, għaz-zmien li għamlet taħdem fil Kunsill Lokali ta San Pawl l-Bahar.

**80.11: Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti u approvazzjoni ta' xiri ta'oggetti jew servizzi**

Il Kunsillier Alfred Grima qall li baghat imejl fuq Punti 125 u 127 li jidhru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Hu qal li transport tal-ħrug tal-anzjani ma dak li jgieb l-anzjani fil-għodu ghall Day Care Center jekk għandux ikun differenti. Fuq dan il-punt se ticcekkja s-Segetarja Ezekuttiva ma Ms Delcine Gauci. Il-Kunsilliera Graziella Galea u Alfred Grima irrimarkaw li huma astjenew ghal hlas ta' items 125 u 127.

**80.12 Tenders /Quotations**

**80.13 Tmiem il-laqgħa**

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | _________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |